# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 10 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 28**

**Citaz. Nru. 544/02 GV**

**L-Avukat Dottor Carlo Bisazza ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Barwil Agencies Pte Ltd.**

**Vs**

**G.M. Line Limited**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejn l-attur nomine fis-somma ta' (USD 16,637) sittax-il elf u sitt mija u sebgha u tletin dollaru Amerikan li f'valur monetarju malti jekwivali ghal (Lm7,389) sebat elef tlett mija u disgha u tmenin liri Maltin jew somma ohra verjuri skond ir-rata tal-kambju vigenti rappresentanti bilanc ta' spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici resi lis-socjeta' konvenuta kif ukoll ghal spejjez li hallsu ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, fuq struzzjonijiet taghha stess, u dana in konnessjoni mal-bastiment MV Helga Wehr, u dana skond Dokument "A".

Premess illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas, u dana permezz ta' ittra ufficjali, datata 8 ta' Ottubru, 2001, debitament notifikata, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Premess illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u li fl-opinjoni tal-attur nomine is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi skond il-ligi x'taghti, u oltre l-fatt li l-attur jiddikjara li jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna.

1. Tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' (USD 16,637) sittax-il elf u sitt mija u sebgha u tletin dollaru Amerikan li f'valur monetarju malti jekwivali ghal (Lm7389) sebat elef tlett mija u disgha u tmenin liri Maltin jew somma ohra verjuri skond ir-rata tal-kambju vigenti, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru: 995/02 ppresentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda l-attur nomine.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-attur nomine.

Ezaminat l-atti tal-kawza ;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**